



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 70/25

Il-Lussemburgu, 16 ta' Ġunju 2025

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

### Dħul fil-kariga ta' membru ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja u ta' żewġ membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2025, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru lil Marko Bošnjak bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja (minfok Marko Ilešič, li miet fl-20 ta' Ġunju 2024 <sup>1</sup>) għall-perijodu bejn it-12 ta' Ġunju 2025 u s-6 ta' Ottubru 2027.

Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2025, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea lil Danutė Jočienė (minflok Rimvydas Norkus, li nħatar Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja <sup>2</sup>) u lil Jörgen Hettne (minflok Fredrik Schalin, li nħatar Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja <sup>3</sup>) għall-perijodu bejn it-2 ta' April sal-31 ta' Awwissu 2025.

Fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-membri l-ġodda tal-istituzzjoni, ser tinżamm udjenza solenni f'din il-ġurnata fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tixxandar b'mod dirett minn 12:00 fis-sit aċċessibbli f'dan il-link: [CURIA - Streaming – Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://curia.europa.eu/Streaming-portal/Streaming-portal.aspx?ID=2025061601)

#### Preżentazzjoni tal-Membri l-ġodda

Marko Bošnjak: [CURIA – Preżentazzjoni tal-membri – Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://curia.europa.eu/Streaming-portal/Streaming-portal.aspx?ID=2025061601)

Danutė Jočienė: [CURIA – Preżentazzjoni tal-membri – Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://curia.europa.eu/Streaming-portal/Streaming-portal.aspx?ID=2025061601)

Jörgen Hettne: [CURIA – Preżentazzjoni tal-membri – Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://curia.europa.eu/Streaming-portal/Streaming-portal.aspx?ID=2025061601)

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 105/24](#).

<sup>2</sup> Ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 174/24](#).

<sup>3</sup> *Ibidem*.